



Prattiċi nazzjonali ta' informazzjoni u konsultazzjoni fl-Ewropa

Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni

L-għanijiet ta' dan il-proġett huma li jiskopri esperjenzi reċenti fil-prattika tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni (I&K) fil-livell nazzjonali u jibni fuq is-sejbiet tar-rapport tal-Osservatorju Ewropew għar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO) tal-2011 intitolat, Prattika tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni madwar l-Ewropa ħames snin wara d-Direttiva tal-UE (Direttiva 2002/14/KE). Ir-riċerka analizzat l-effetti tad-Direttiva I&K kemm f'livell nazzjonali tal-prattika I&K – speċifikament fuq l-impjegati, it-trejdjunjins u l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, u l-kumpaniji (b'mod partikolari maniġers tal-HR). Esplorat ukoll jekk il-prattiki nazzjonali jiżgurawx informazzjoni u konsultazzjoni adegwata, effettiva u f'waqtha lill-impjegati fil-interess kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-impjegati.

Ir-riċerka inkludiet analiżi tal-letteratura u 12-il studju ta' każijiet. Għandu jiġi nnutat li r-riċerka l-aktar pre-eżistenti tiffoka fuq ir-Renju Unit u l-Irlanda peress li dawn l-Istati Membri kienu s-suġġett ta' ħafna mill-materjal ippubblikat sal-lum u dan ir-rapport jirrifletti din il-limitazzjoni.

Kuntest tal-politika

Filwaqt li ħafna Stati Membri tal-UE għandhom oqfsa legali li ilhom stabbiliti għall-I&K, id-Direttiva 2002/14/KE mmarkat l-introduzzjoni tad-drittijiet ġenerali tal-ħaddiema għall-I&K permezz ta' strutturi permanenti madwar l-Unjoni Ewropea għall-ewwel darba. Wieħed jista' jargumenta li l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea kienet influwenzata b'mod qawwi mill-għadd ta' każijiet ta' profil għoli ta' ristrutturar ta' kumpaniji li jinvolvu għeluq ta' impjanti u sensji fuq skala kbira, li fihom il-proċeduri tal-I&K ma ġewx irrispettati jew urew li huma ineffettivi. B'mod partikolari, id-dibattitu tal-I&K fil-livell tal-UE ħa impetus ġdid kmieni fl-1997, meta Renault, il-kumpanija multinazzjonali tal-karozzi bbażata fi Franza, f'daqqa waħda ħabbret li kienet sejra tagħlaq l-impjant tagħha f'Vilvoorde, il-Belġju, b'telf ta' aktar minn 3,000

impjeg. Il-Kummissjoni ħasset li kienet meħtieġa inizjattiva tal-UE biex jingħelbu n-nuqqasijiet fil-liġi nazzjonali u tal-UE – b'mod partikolari, il-fatt li filwaqt li ħafna mill-Istati Membri kellhom qafas legali statutorju jew negozjat li jstabbilixxi d-drittijiet tal-I&K f'livelli varji ta' amministrazzjoni (stabbilimenti, impriżi, gruppi), dawn id-drittijiet ma kinux dejjem irrispettati fil-prattika. Id-Direttiva fittxet barra minn hekk li ssaħħaħ ir-rwol tal-imsieħba soċjali fl-iffaċilitar ta' I&K effettivi.

Sejbiet prinċipali

F'termini tal-estenti li jvarjaw li għalihom id-Direttiva mexxiet tibdil fl-arranġamenti/regolament tal-I&K nazzjonali, rapport tal-EIRO tal-2008 identifika tliet kategoriji ewlenin ta' tibdil:

1. l-ebda tibdil jew kważi l-ebda tibdil (l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, is-Slovenja);
2. tibdil minuri (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvija, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Norveġja, is-Slovakkja, Spanja, l-Isvejja);
3. tibdil maġġuri (il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Renju Unit).

F'għadd ta' pajjiżi fejn ma kien hemm 'l-ebda tibdil jew kważi l-ebda tibdil' jew 'tibdil minuri', dan irrifletta l-fatt li xi gvernijiet kienu ppreġudikaw id-direttiva b'tibdil leġiżlattiv, kif kien fil-każ tal-Ungerija u s-Slovenja.

L-impatti tad-Direttiva fuq il-prattiċi nazzjonali tal-I&K kienu limitati ħafna f'bosta Stati Membri. L-evidenza li hemm s'issa, għalkemm limitata, hija ċċentrata ħafna fuq ir-Renju Unit u l-Irlanda – sistemi fejn kien meħtieġ l-akbar livell ta' tibdil. Kien hemm ftit impatt jew xejn f'pajjiżi b'sistemi nazzjonali pre-eżistenti tal-I&K li ma

kellhom l-ebda tibdil jew kważi l-ebda tibdil (Kategorija 1) jew li kellhom tibdil minuri introdott permezz ta' leġiżlazzjoni (Kategorija 2). F'għadd ta' Stati Membri bl-ebda sistemi statutorji pre-eżistenti tal-I&K (Kategorija 3), il-leġiżlazzjoni introduċiet dritt statutorju ta' konsultazzjoni ġenerali għall-ewwel darba. Madankollu, fil-prattika, l-effett tad-Direttiva ma kienx suffiċjentement qawwi biex jinħoloq tibdil istituzzjonali maġġuri, għalkemm sar adattament istituzzjonali. Pereżempju, kemm il-Polonja kif ukoll ir-Renju Unit kellhom leġiżlazzjoni introdotta għall-ewwel darba; madankollu, il-punt sa fejn is-sistemi nazzjonali għaddew minn tibdil maġġuri fl-ivell organizzattiv huwa limitat u ċertament ma bidilx il-karattru tal-I&K. Dan jista' għallinqas, parzjalment jispjega l-indifferenza mifruxa tal-imsieħba soċjali għall-effetti tad-direttiva wara t-traspożizzjoni.

L-istudji ta' każijiet juru varjetà wiesgħa ta' approċċi fil-livell organizzattiv. F'dawk li kienu l-aktar attivi fil-konsultazzjoni (DutchAirline, GreekBrewery, UKIT), tibdil organizzattiv maġġuri kien imtaffi mill-preżenza ta' rappreżentanti tal-ħaddiema infurmati tajjeb li b'mod attiv ħadmu fuq il-kwistjonijiet sostantivi bħat-tnaqis fin-numru ta' persuni ssensjati fir-ristrutturar. Fuq livell inqas avvanzat (iżda madankollu sinifikanti), filwaqt li l-prinċipju ta' deċiżjonijiet maniġerjali ma nbidilx f'xi organizzazzjonijiet, id-dettall dwar kif it-tibdil ġie implimentat kien soġġett għal tibdiliet permezz ta' konsultazzjoni. Fl-aħħar nett, kien hemm it-tielet tendenza ta' kwistjonijiet mikro-operattivi li kienu miftuħa għal konsultazzjoni iżda fejn il-kwistjonijiet maġġuri kienu riżervati għal determinazzjoni maniġerjali.

Ma kien hemm l-ebda mudell partikolari fl-istudji ta' każijiet f'termini ta' pajjiż jew settur li fuqu kienet ibbażata l-organizzazzjoni, iżda pjuttost il-kwalità tal-konsultazzjoni jiddependi fuq sa liema punt l-amministrazzjoni kienet impjenata fil-proċess. Amministrazzjoni li kellha kultura li tappoġġja konsultazzjoni attiva kellha aktar probabbiltà li taħdem mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fuq kwistjonijiet ewlenin dwar tibdil organizzattiv.

Il-leġiżlazzjoni ma ġabix magħha tibdil fundamentali fi kwalunkwe sistema nazzjonali ta' relazzjonijiet industrijali. Pajjiżi b'sistemi ta' I&K stabbiliti u minqaxa legalment li huma appoġġjati mill-prospetti ta' sanzjoni sinifikanti fil-każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tal-valuri minimi meħtieġa legalment, għandhom aktar ċans li jkollhom kumpaniji li jikkonsultaw b'mod attiv minn pajjiżi b'limitazzjonijiet dgħajfa biss.

Mill-evidenza insuffiċjenti disponibbli, il-leġiżlazzjoni ma ġabix magħha titjib sinifikanti fil-kwantità u l-kwalità ta' korpi tal-I&K. Filwaqt li l-Kummissjoni fittxet li toħloq sistema fejn deċiżjonijiet sinifikanti li

jittieħdu mingħajr konsultazzjoni jistgħu jiġu annullati, in-nuqqas ta' sanzjonijiet sinifikanti fil-leġiżlazzjoni u l-fatt li l-gvernijiet bil-livelli baxxi ta' appoġġ legali għall-I&K (bħall-Irlanda u r-Renju Unit) użaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà sabiex jevitaw milli joħolqu dritt fundamentali għall-I&K – kellhom effett fuq l-effikaċja ġenerali tal-leġiżlazzjoni. Bl-istess mod, għal dawk il-pajjiżi b'leġiżlazzjoni tal-I&K żviluppata tajjeb, ġeneralment din kienet tipproteġi lill-ħaddiema aktar minn dak li kien meħtieġ mil-leġiżlazzjoni li b'mod ġenerali jagħmilha li għandha ftit effett.

Konklużjonijiet

Id-Direttiva 2002/14/KE ma kellhiex rwol importanti ħafna f'termini ta' tfassil tal-I&K fl-ivell organizzattiv sinifikanti. Ir-riċerka tindika li rament ikun hemm sejħa diretta għall-I&K ġenerali mill-ħaddiema u t-talba għat-twaqqif ta' forum tal-I&K tista' tiġi wara li tkun ittieħdet deċiżjoni li taffettwa l-kuntest organizzattiv. Il-ħolqien ta' drittijiet tal-I&K speċifiċi madwar ċirkostanzi organizzattivi partikolari kien ferm iktar effettiv għaliex sett speċifiku ta' ċirkostanzi jattiva l-ħtieġa għall-konsultazzjoni.

Filwaqt li d-Direttiva ma bdiex mewġa ġdida ta' konsultazzjoni ta' siwi fil-pajjiżi li daħlu leġiżlazzjoni ġenerali dwar I&K għall-ewwel darba, kellha iżda rwol ta' 'imbuttatura' fl-inkoraġġiment għal xi organizzazzjonijiet, partikolarment kumpaniji multinazzjonali bbażati fir-Renju Unit u l-Irlanda, li jstabbilixxu u/jew isaħħu proċessi tal-I&K. Bl-istess mod, il-flessibiltajiet kollha permessi mid-Direttiva u l-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-imsieħba soċjali ma tawx inkoraġġiment għall-adozzjoni mifruxa ta' prattiki tal-I&K.

F'termini ta' prattika tajba, mhijiex xi ħaġa sorprendeti li l-Pajjiżi l-Baxxi – miżmuma bħala mudell ta' kunsens tar-relazzjonijiet industrijali u li għandha wkoll leġiżlazzjoni sinifikanti dwar I&K – iproduċiet każijiet fejn seħħew I&K sinifikanti. It-tieni nett, l-impenn tal-amministrazzjoni fir-rigward tar-riżorsi għall-appoġġ effettiv tal-I&K u f'termini ta' konsultazzjoni fuq kwistjonijiet diffiċli (kif ukoll kwistjonijiet operattivi ta' livell baxx) huwa kemm it-tidħil kif ukoll l-eżitu ta' konsultazzjoni sinifikanti. It-tielet, l-I&K teħtieġ li l-partijiet fil-proċess jagħmlu impenn sostnut għaliha iktar milli jqisuha bħala mekkaniżmu li jrid jiġi sodisfatt minħabba rekwiżiti legali jew organizzattivi.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport *National practices of information and consultation in Europe* [Prattiki nazzjonali ta' informazzjoni u konsultazzjoni fl-Ewropa] huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1329.htm>

Ir-rapport *Information and consultation practice across Europe five years after the EU Directive* [Prattika tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni madwar l-Ewropa ħames snin wara d-Direttiva tal-UE] huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/eiro/studies/tn1009029s/index.htm>

Għal aktar informazzjoni kkuntattja lil Christian Welz, Maniġer tar-Riċerka: cwe@eurofound.europa.eu